VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 118 tal-2017

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 545.12

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara s-subregolament (5) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subregolamenti li ġejjin:

"(6) Għandu jitħallas dritt tal-applikazzjoni li mhuwiex rimborżabbli kif inhu stabbilit fit-Tieni Skeda lir-Regolatur mal-applikazzjoni ta' liċenza;

(7) L-ammont tad-dritt annwali tal-liċenza għandu jkun f'konformità mat-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. L-ewwel dritt tal-liċenza għandu jitħallas minn min hu liċenzat lir-Regolatur immedjatament u fil-jum tal-għoti tal-liċenza, u wara dan kull sena fl-anniversarju tal-għoti ta' dik il-liċenza jew f'xi data oħra li l-Regolatur jista' jistabbilixxi raġjonevolment;

(8) Jekk xi dritt tal-liċenza ma titħallasx fi żmien tletin jum wara d-data li fiha min hu liċenzat jkun ġie msejjaħ bi kwalunkwe mezz sabiex iħallas dak id-dritt, il-liċenza li għaliha tirrelata għandha tieqaf milli tkun fis-seħħ b'effett immedjat u mingħajr ebda oħra azzjoni jew aktar mir-Regolatur. Jekk min tkun ingħatatlu l-liċenza jixtieq li għal darb'oħra din tingħatalu sabiex iwettaq xi attività taħt dawn ir-regolamenti, huwa għandu mbagħad jintalab sabiex japplika għal liċenza ġdida. Waqt li tkun qed tiġi kkunsidrata dik l-applikazzjoni, ir-Regolatur jista' jieħu akkont tan-nuqqas preċedenti tal-applikant sabiex iħallas id-dritt tal-liċenza u ta' kull spjegazzjoni dwar dak in-nuqqas li l-applikant jista jissottometti lir-Regolatur. Ir-Regolatur jista'

VERŻJONI ELETTRONIKA

jimponi xi miżura li għandha titwettaq mill-applikant sabiex jiżgura l-ħlas ta' xi ammonti dovuti u biex jiġi żgurat il-ħlas fil-pront ta’ xi drittijiet tal-liċenzi dovuti fil-futur ġaladarba tkun inħarġet liċenza ġdida.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (5) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "l-Iskeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Ewwel Skeda".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "is-subregolamenti (2) sa (4)." għandhom jiżdiedu l-kliem "Għandu jitħallas dritt tal-applikazzjoni li mhuwiex rimborżabbli kif inhu stabbilit fit-Tieni Skeda lir-Regolatur mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-forniment ta’ gass naturali. L-ammont tad-dritt annwali tal-awtorizzazzjoni għandu jkun ukoll f’konformità mat-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fil-paragrafi (n) u (p) tas-subregolament (1) tar-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "l-Iskeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Ewwel Skeda".

Jemenda l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.

6. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi msejħa mill-ġdid bħala "L-Ewwel Skeda".

Iżid it-Tieni Skeda mar-regolamenti prinċipali.

7. Minnufih wara l-Ewwel Skeda kif emendata, għandha tiżdied l-Iskeda li ġejja:

"It-Tieni Skeda
(Regolamenti 3 u 8)

Tip ta’ Liċenza u awtorizzazzjoni	**Dritt għall-applikazzjoni tal-liċenza u awtorizzazzjoni**	**Dritt annwali tal-liċenza u awtorizzazzjoni**
it-twettiq tal-funzjonijiet tal-operatur tas-sistema ta’ ħżin;	500 euro	15,000 euro
it-twettiq tal-funzjonijiet tal-operatur tas-sistema ta’ LNG;	500 euro	20,000 euro
it-twettiq tal-funzjonijiet tal-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni;	500 euro	5,000 euro
operazzjoni ta’ linja diretta	500 euro	5,000 euro
Forniment ta’ gass naturali	500 euro	5,000 euro

".